**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 8 TA' SETTEMBRU 2019**

**Magħmudija Komunitarja**
Illum is-Sibt 7 ta' Settembru 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fil-5.15pm.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**
Għada l-Ħadd 8 ta' Settembru 2019 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Jum Dinji tal-Anzjani 2019**
Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2019 fl-10:00am fl-okkażjoni ta' Jum Dinji tal-Anzjani fis-Santwarju Bażilika tal-Assunta, il-Mosta se ssir quddiesa mill-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Is-Sibt 14 ta' Settembru 2019 fil-Kappella ta' Sant'Anna, iż-Żebbiegħ, Imġarr fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Grazzi lil Robert Axisa**
Nirringrazzjaw lil Robert Axisa li għal dawn l-aħħar 13-il sena ta' servizz tiegħu bħala soċju fil-qasam tal-Museum fil-Parroċċa tagħna. Robert Axisa ntalab sabiex jibda jagħti servizz fil-Museum tal-Fgura. Nawgurawlu u nwiegħduh it-talb tagħna.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 26 ta' Settembru 2019 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**
Il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2019 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2020. *Bookings* mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Fuljett 'Flimkien'**
Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Settembru 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.
Għamilna lista ġdida tad-distributuri tal-Flimkien, għalhekk nixtiequ li kull minn iqassam il-fuljett jiċċekkja d-dettalji. Fejn hemm informazzjoni nieqsa jew mhux korretta iniżżluha jew

nirranġawha. Hemm ukoll numru ta’ toroq li jidher li mhux jitqassam il-fuljett. Jekk xi ħadd jixtieq jieħu dan l-impenn ikellem lil xi ħadd minna s-saċerdoti. Grazzi.